Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1184

18.4.2024

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1184**

**tas-17 ta' April 2024**

**li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1), il-punt (c), tiegħu,

Billi:

(1) L-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (highly pathogenic avian influenza, HPAI) hija marda virali infettiva tal-għasafar li jista' jkollha impatt serju fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-pollam li jikkawża tfixkil fil-kummerċ fl-Unjoni u fl-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. Il-viruses tal-HPAI jistgħu jinfettaw lill-għasafar migratorji, u dawn imbagħad jistgħu jxerrdu dawn il-viruses fuq distanzi twal waqt il-migrazzjoni tagħhom fil-ħarifa u fir-rebbiegħa. Għalhekk, il-preżenza tal-viruses tal-HPAI fl-għasafar selvaġġi toħloq theddida kontinwa għall-introduzzjoni diretta u indiretta ta' dawn il-viruses fl-azjendi li jżommu l-pollam jew l-għasafar fil-magħluq. Fil-każ ta' tifqigħa tal-HPAI, hemm ir-riskju li l-aġent tal-marda jista' jixtered f'azjendi oħra li jżommu l-pollam jew l-għasafar fil-magħluq.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi qafas leġiżlattiv ġdid għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. L-HPAI taqa' taħt id-definizzjoni ta' marda elenkata f'dak ir-Regolament, u hija soġġetta għar-regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard stabbiliti fih. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat, inklużi l-miżuri għall-kontroll tal-mard għall-HPAI.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2447 ([3]) ġiet adottata fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429 u tistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni marbuta ma' tifqigħat tal-HPAI.

(4) B'mod aktar partikolari, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 tipprevedi li ż-żoni ta' protezzjoni, iż-żoni ta' sorveljanza u ż-żoni ristretti l-oħra stabbiliti mill-Istati Membri wara tifqigħat tal-HPAI, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, għandhom jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti oħra fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(5) L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 ġie emendat dan l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1066 ([4]) wara t-tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-Bulgarija li kien jeħtieġ jiġu riflessi f'dak l-Anness.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2447 tal-24 ta' Ottubru 2023 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠU L, 2023/2447, 30.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2447/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1066 tal-5 ta' April 2024 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠU L, 2024/1066, 10.04.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1066/oj ).

(6) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/1066, il-Bulgarija nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ġodda tal-HPAI fi stabbilimenti li kienu jżommu il-pollam, li jinsabu fir-reġjuni ta’ Haskovo u Kardzhali fil-Bulgarija.

(7) L-awtorità kompetenti tal-Bulgarija ħadet il-miżuri meħtieġa għall-kontroll tal-mard f’konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, fosthom l-istabbiliment ta’ żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza madwar it-tifqigħat.

(8) Il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri ta’ kontroll tal-mard li ħadet il-Bulgarija b’kollaborazzjoni ma’ dak l-Istat Membru, u hija sodisfatta li l-konfini taż-żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Bulgarija jinsabu ’l bogħod biżżejjed mill-istabbilimenti fejn ġew ikkonfermati t-tifqigħat tal-HPAI.

(9) Biex ikun evitat kwalunkwe tfixkil għall-kummerċ bla bżonn fl-Unjoni u tkun evitata l-impożizzjoni ta’ ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ minn pajjiżi terzi, jeħtieġ issir deskrizzjoni mingħajr dewmien fil-livell tal-Unjoni, b’kollaborazzjoni mal-Bulgarija, taż-żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza stabbiliti minn dak l-Istat Membru f’konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(10) Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu emendati ż-żoni elenkati bħala żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza għall-Bulgarija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/2447.

(11) Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi emendat l-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 biex tiġi aġġornata r-reġjonalizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni ħalli jitqiesu ż-żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza stabbiliti kif xieraq mill-Bulgarija, f’konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u d-durata tal-miżuri applikabbli fihom.

(12) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 tiġi emendata skont dan.

(13) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tal-HPAI, huwa importanti li l-emendi li għandhom isiru fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 permezz ta’ din id-Deċiżjoni, isiru effettivi kemm jista’ jkun malajr.

(14) Il-miżuri previsti f’din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-17 ta’ April 2024.

*Għall-Kummissjoni*
Stella KYRIAKIDES
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Parti A**

Żoni ta’ protezzjoni fl-Istati Membri kkonċernati* kif imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (a), u fl-Artikolu 2:

**Stat Membru: Il-Bulgarija**

| ADIS reference number of the outbreak | Area comprising: | Date until applicable in accordance with Article 39 of Delegated Regulation (EU) 2020/687 |
|---|---|---|
| ***Haskovo Region*** | | |
| BG-HPAI(P)-2024-00010<br>BG-HPAI(P)-2024-00011 | The following villages in Haskovo municipality:<br>— Haskovo<br>— Voyvodovo<br>— Manastir<br>— Konush | 15.5.2024 |
| ***Kardzhali Region*** | | |
| BG-HPAI(P)-2024-00012 | The following villages in Krumovgrad municipality:<br>— Doborsko<br>— Bagriltsi<br>— Chal<br>— Perunika | 5.5.2024 |
| ***Pazardzhik Region*** | | |
| BG-HPAI(P)-2024-00008 | The following village in Septemvri municipality:<br>— Vetren<br>The following village in Belovo municipality:<br>— Akandzhievo | 16.4.2024 |
| ***Plovdiv Region*** | | |
| BG-HPAI(P)-2024-00009 | The following village in Rodopi municipality:<br>— Tsalapitsa<br>The following village in Stamboliyski municipality:<br>— Stamboliyski | 28.4.2024 |

**Parti B**

Żoni ta' sorveljanza fl-Istati Membri kkonċernati* kif imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (a), u fl-Artikolu 3:

**Stat Membru: Il-Bulgarija**

| ADIS reference number of the outbreak | Area comprising: | Date until applicable in accordance with Article 55 of Delegated Regulation (EU) 2020/687 |
|---|---|---|
| | ***Haskovo Region*** | |
| BG-HPAI(P)-2024-00010<br>BG-HPAI(P)-2024-00011 | The following villages in Haskovo municipality:<br>— Haskovo<br>— Voyvodovo<br>— Manastir<br>— Konush | 16.5.2024 – 24.5.2024 |
| | The following villages in Haskovo municipality:<br>— Klokotnitsa<br>— Manastir<br>— Malevo<br>— Stamboliyski<br>— Dinevo<br>— Podkrepa<br>— Uzumddzhovo<br>— Haskovo<br>— Knizhovnik<br>— Dolno Voyvodino<br>— Orlovo<br>— Dolno Golemantsi<br>— Mandra<br>— Kozlets<br>— Teketo<br>— Galabets<br>— Trakiets<br>— Vaglarovo | 24.5.2024 |

| ADIS reference number of the outbreak | Area comprising: | Date until applicable in accordance with Article 55 of Delegated Regulation (EU) 2020/687 |
|---|---|---|
| | | |
| | The following village in Dimitrovgrad municipality:<br>— Krepost<br>— Chernogorovo<br>— Voden | 24.5.2024 |
| BG-HPAI(P)-2024-00012 | The following village in Ivaylovgrad municipality:<br>— Bubino<br>— Popsko<br>— Belopoltsi<br>— Paskul<br>— Konnici<br>— Vetruska<br>— Vis | 14.5.2024 |
| ***Kardzhali Region*** | | |
| BG-HPAI(P)-2024-00012 | The following villages in Krumovgrad municipality:<br>— Doborsko<br>— Bagriltsi<br>— Chal<br>— Perunika | 6.5.2024 – 14.5.2024 |
| | The following villages in Krumovgrad municipality:<br>— Krumovgrad<br>— Chernooki<br>— Tintyava<br>— Kalaydzhievo<br>— Podrumche<br>— Guliyka<br>— Pelin<br>— Rogach<br>— Slivarka<br>— Edrino<br>— Kamenka<br>— Polkovnik Zhelyazovo<br>— Kachulka | 14.5.2024 |

| ADIS reference number of the outbreak | Area comprising: | Date until applicable in accordance with Article 55 of Delegated Regulation (EU) 2020/687 |
|---|---|---|
| | — Kovil<br>— Dzhanka<br>— Padalo | |
| | ***Pazardzhik Region*** | |
| BG-HPAI(P)-2024-00008 | The following village in Septemvri municipality:<br>— Vetren<br>The following village in Belovo municipality:<br>— Akandzhievo | 17.4.2024 – 25.4.2024 |
| | The following villages in Septemvri municipality:<br>— Septemvri<br>— Dolno Varshilo<br>— Gorno Varshilo<br>— Slavovitsa<br>— Vinogradets<br>— Karabunar | 25.4.2024 |
| | The following villages in Belovo municipality:<br>— Belovo<br>— Dabravite<br>— Menenkiovo<br>— Momina klisura | 25.4.2024 |
| | The following villages in Lesichovo municipality:<br>— Lesichovo<br>— Tserovo | 25.4.2024 |
| BG-HPAI(P)-2024-00009 | The following villages in Pazardzhik municipality:<br>— Hadzhievo<br>— Govedare<br>— Malo Konare | 7.5.2024 |

| ADIS reference number of the outbreak | Area comprising: | Date until applicable in accordance with Article 55 of Delegated Regulation (EU) 2020/687 |
|---|---|---|
| | | |
| ***Plovdiv Region*** | | |
| BG-HPAI(P)-2024-00009 | The following village in Rodopi municipality:<br>— Tsalapitsa<br>The following village in Stamboliyski municipality:<br>— Stamboliyski | 29.4.2024 – 7.5.2024 |
| | The following villages in Maritsa municipality:<br>— Voisil<br>— Benkovski<br>— Radinovo<br>— Kostievo<br>The following villages in Rodopi municipality:<br>— Orizari<br>— Kadievo<br>— Zlatitrap<br>The following villages in Stamboliyski municipality:<br>— Yoakim Gruevo<br>— Kurtovo Konare<br>— Novo selo<br>— Trivoditsi | 7.5.2024 |

**Stat Membru: L-Iżvezja**

| ADIS reference number of the outbreak | Area comprising: | Date until applicable in accordance with Article 55 of Delegated Regulation (EU) 2020/687 |
|---|---|---|
| SE-HPAI(P)-2024-00003 | The area of the parts of the municipality of Svedala extending beyond the area described in the protection zone and within the circle of a radius of 10 kilometres, centred on WGS84 dec. coordinates N 55.598688 and E 13.267466. | 18.4.2024 |
| | Those parts of the municipality of Svedala contained within a circle of a radius of three kilometres, centred on WGS84 dec. coordinates N 55.598688 and E 13.267466. | 10.4.2024 – 18.4.2024 |

**Parti C**

Żoni ristretti ulterjuri fl-Istati Membri kkonċernati* kif imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (b), u fl-Artikolu 4:

**Stat Membru: L-ebda**

| Area comprising: | Date until measures are to remain applicable in accordance with Article 3a |
|---|---|
| | |

* F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istat Membru jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.